MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Numru 415/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Paul Camilleri
**Vs**
**Pier (Pier Paul) k.a. Pierre Buttigieg**
**Steve Spiteri**
**Giovanni Costa**
**Joseph Stephen Gabriel**
**Marlon Attard**

Fil-Konfront ta` l-imsemmi Pier sive Pier Paul Buttigieg ta` 27 sena bin David u Pauline nee' Dingli, imwieled Pieta, fit-13 ta` April 1974 u joqghod Blokk A 4, Flat 3, Housing Estate, Qasam ta` Pinellu, Mellieha, numru tal-karta tal-identita 195874M.

U fil-konfront ta` l-imsemmi Marlon Attard ta` 19 il-sena bin Anthony u Rita nee' Scerri, imwieled Pieta fit-30 ta` Jannar 1982 u joqghod 19, Triq Barth Hanrun, numru tal-karta tal-identita 100182M.

Rat l-Akkuza migjuba kontra l-imsemmija Pier Buttigieg u Marlon Attard, talli fis-7 ta` Lulju 2001 ghal-habta ta` xi l-11.00 pm fil-Belt Valletta:-

a. Volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamlu hsara fil-hanut maghruf bhala 'Baffalo Kiosk', liema hsara hija ta` aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta` Shaun Curmi mill-Belt Valletta, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta;

b. volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b`ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

c. Qalu fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f`dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338 (bb) u 342 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta;

d. Hebbew kontra Shaun Curmi u Justin Balzan sabiex ingurjawhom, dejquhom jew ghamlulhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta;

e. Imbuttaw lil Shaun Curmi u lil Justin Balzan sabiex iweggghawhom jew jinsulentawhom u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

f. Hebbew ghal Shaun Curmi u Justin Balzan u ikkagunawlhom griehi ta` natura hafifa kif iccertifikat Dr.Kevin Zammit M.D. tal-isptar San Luqa u Dr.Raymond Patiniott M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U fil-konfront ta` Pier (Pier Paul) Buttigieg wahdu talli b`hekk sar recediv b`sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Mejju 1997.

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti

Rat li l-akkuzati fis-seduta ta` illum ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom

Issibhom hatja

Rat l-Artikoli 325 (b), 338 (bb), 342, 339(d), 215, 221 fil-konfront taz-zewg akkuzati u fil-konfront ta` Buttigieg rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-kap 9, kif ukoll l-artikolu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Stante li l-akkuzati intrabtu quddiem il-Qorti li jhalsu ghoxrin lira kull wiehed fi zmien xaghrejn m`illum lid-danneggjat ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li issib liz-zewg akkuzati hatja kif intqal fuq, tillibera lil akkuzat Pier Buttigieg taht il-provedimenti ta` l-artikolu 9 tal-kap 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m`illum u tillibera lil akkuzat Marlon Attard taht l-istess provediment d`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur m`illum.

Il-Qorti qed tfisser l-import ta` din is-sentenza lill-hatja.

(ft) Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja

Mario Mifsud
Dep Reg.

---------------------------------TMIEM---------------------------------